MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Numru 851/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**KEITH GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Galea ta' 23 sena, bin John u Helen nee' Mifsud, imwieled Pieta', d.t.t. 13.03.1980 u joqghod nru:20, Triq Kardinal Sciberras, Sta. Venera, bin-numru ta' l- Identita':- 155880(M)

Billi gie akkuzat talli:

Nhar it- 2 ta’ Ottubru, 2003 ghall- habta ta’ 17:40 HRS., volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM500 Maltin izda ghall- valur ta’ inqas minn LM1000 Maltin meta ghamel hsara volontarja fuq il-vettura bin- numru tar-registrazzjoni GBB-512 ghamla Toyota Corsa ta’ kulur abjad ghad- dannu ta’ Christopher Dimech;

Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkustanzi saq il-vettura bin- numru tar-regitrazzjoni BAG-228 , ghamla Nissan Pick Up b’mod negligenti u bi speed eccessiv;

Aktar talli fl- istes data, lok, hin u cirkustanzi saq il- vettura imsemmija b’manjiera perikoluza;

Aktar talli sar recidiv b’ sentenzi li saru definittivi mil- Qorti tal-Magistrati Malta nhar:- 18 ta’ Ottubru, 1999 (Magst. C. Scerri Herrera LL.D) u nhar 31 ta’ Lulju, 2001 (Magst. C. Scerri Herrera LL.D.) u kif ukoll nhar it-2 ta’ Lulju, 2003 (Magst. Tonio Micallef Trigona LL.D.).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MSC1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-imputat u l-Ufficjal Prosekutur

iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema minn abbuz tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 17, 325(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-art. 15(1)(a)(2) u (3) u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 u r-Regolament 127 tal-A.L. 128/1994.

Issib lill-imputat Keith Galea, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-imputat u l-Ufficjal Prosekutur iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema minn abbuz tad-droga tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Keith Galea taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imputat Keith Galea jkollu l-assistenza necessarja kontra l-abbuz mid-droga u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Keith Galea ghall-piena ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Keith Galea milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien disa’ (9) xhur millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Keith Galea b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li jzomm il-kwiet ma’ Christopher Dimech ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Keith Galea.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Keith Galea kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Keith Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------